

32002D0262

9.4.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 92/13

ID-DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**ta' l-14 ta' Marzu 2002****li temenda d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman**

(2002/262/KE, KEFA, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ewropeaj u b'mod partikolari l-Artikolu 195(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u b'mod partikolari l-Artikolu 20 D(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 107 D(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 2000 dwar il-modifika tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Bl-approvazzjoni tal-Kunsill,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 22, il-paragrafu 5, tar-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, l-Ombudsman huwa ttrattat bħala istituzzjoni għall-finijiet ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 2673/1999 li jemenda r-Regolament Finanzjarju ħoloq taqsima speċifika għall-Ombudsman fl-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u hekk emenda d-disposizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju relattivi għalih.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262/KEFA, KE, Euratom tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman ⁽³⁾ billi hija ttipprovdi li l-estimi ta' l-Ombudsman jitqiegħdu f-anness mat-Taqsima I (Parlament) ta' l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.
- (4) l-Artikoli 12 u 16 ta' dik id-Deċiżjoni għandhom għalhekk jiġu mħassra.

⁽¹⁾ ĠU C 223, tat-8.8.01, p. 366.⁽²⁾ ĠU L 356, tal-31.12.1977, p. 1. Regolament emendat bir-Regolament (KE, KEFA, Euratom) Nru 2673/1999 (ĠU L 326, tat-18.2.1999, p. 1).⁽³⁾ ĠU L 113, ta' l-4.5.1994, p. 15.

B'DAN JIDDEĊIEDI:

Artikolu 1

L-Artikoli 12 u 16 tad-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom għandhom jitħassru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Hija għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2000.

Magħmula fi Strasburgu, fl-14 ta' Marzu 2002.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX
